**13 ta' Frar, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. J.H. Xuereb, LL.D.**

Benedict H. Dingli, Prokuratur Legali

*versus*

Onorevoli Giorgio Borg Olivier noe

**Interess — Azzjoni Popolari — Kostituzzjoni — Liġi — Nullità ta'**

*L-azzjoni popolari fis-sistema tal-liġi tagħna ma tistax tiġi tentata ħlief meta espressament u speċifikatament premessa minn xi liġi. Għalhekk kull minn jaġixxi irid juri interess personali u reali, u ma jistax jattakka liġi b'nullità jekk dik il-liġi jew dik in-nullità ma tkunx b'xi mod konkretament teffettwah.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta (a) illi fil-Malta Constitution Order in Council 1961, fl-artikolu 4(2) jingħad illi l-Emergency Powers Orders in Council 1939 għandu jieqaf milli jkollu seħħ bħala parti mil-liġi ta' Malta wara sena mill-"appointed day" u ċioè wara t-tlieta (3) ta' Marzu, 1963 u (b) illi qabel il-promulgazzjoni tal-Malta Constitution Order in Council 1961, l-Emergency Powers Order in Council 1939 kien ġie abrogat espressament jew taċitament, b'leġislazzjoni posterjuri u preċipwament bil-Malta Constitution Letter Patent 1947, bil-Malta (Emergency Powers) Order in Council 1953 u Proklama LXIII tas-sena 1939 u ma kienx qiegħed iseħħ bħala liġi fiż-żmien meta saret il-Kostituzzjoni tal-1961, kif jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża u (ċ) illi nonostanti dak li jingħad skorrettament fl-

artikolu 4(2) tal-Kostituzzjoni tal-1961 l-imsemmi Order in Council tal-1939 ma ġiex in vigore u m'huwiex iseħħ bħala liġi ta' Malta fiż-żmien preżenti; u (d) illi, subordinatament għall-premess anke jekk l-imsemmi Order in Council tal-1939 ma ġiex abrogat u għadu jifforma parti mil-liġi ta' Malta, il-poteri mogħtija lil Gvernatur mill-Kuruna in forza tal-prerogativa tagħha fl-artikolu 6 sub artikolu 2(a) (b) u (c) huma "ultra vires", il-poteri tal-Kuruna fuq Malta u ma jistgħux jiġu mogħtija b'Order in Council, għaliex imorru kontra l-prinċipji fondamentali tal-kostituzzjoni Ingliża u għalhekk huma ineffikaċi; u (e) illi l-istanti għandu interess bħala ċittadin li ssir dikjarazzjoni ġudizzjarja relativa tal-fatt li l-Emergency Powers Order in Council 1939, kif emendat ma jiffurmax parti mil-liġi ta' Malta u ma għandux effett ta' liġi u li l-artikolu 4(2) tal-Kostituzzjoni tal-1961 hu ineffikaċi u mingħajr ebda effett u subordinament, id-dikjarazzjoni li l-artikolu 6 sub-artikolu 2(a) (b) u (ċ) huwa "ultra vires", ineffikaċi, u mingħajr effett, talab li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u wara li jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni — din il-Qorti tiddikjara (1) li l-Emergency Order in Council 1939, kif emendat ma jiffurmax parti mil-liġi ta' Malta u ma' għandux effett ta' liġi u lil-artikolu 4(2) tal-Kostituzzjoni tal-1961 hu ineffikaċi u mingħajr ebda effett u subordinatament, id-dikjarazzjoni li l-artikolu 6 sub-artikolu 2(a) (b) u (ċ) huwa 'ultra vires', ineffikaċi u mingħajr effett, talab li — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u wara li jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni — din il-Qorti tiddikjara (1) li l-Emergency Powers in Council 1939 kif emendat ma jiffurmax parti mil-liġi ta' Malta u ma għandux forza ta' liġi f'Malta, u li l-artikolu 4(2) tal-Malta (Constitution) Order in Council 1961, hu ineffikaċi u mingħajr ebda effett; u (2) subordinatament u f'każ ta' riġett tal-ewwel domanda, li l-artikolu 6 sub artikolu 2(a) (b) u (ċ) huwa 'ultra vires' l-poteri tal-Kuruna fuq Malta u għalhekk ineffikaċi u bla effett, u dana għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eċċepixxa (a) preliminarjament il-karenza ta' interess anke għaliex dan mhux wieħed mill-każijiet fejn hi konċessa l-azzjoni popolari, u (b) fil-meritu u bla preġudizzju, li l-Emergency Powers in Council 1939, kif emendat, għad għandu effett bħala parti tal-liġi ta' Malta u li mhux minnu li l-Artikolu 4(2) tal-Kostituzzjoni attwali huma ineffikaċi u bla ebda effett. Dak li sfuġġa lill-attur hu evidentement id-distinzjoni bejn li l-liġi jkollha "effect in a territory" u li tiġi "brought into operation"; (ċ) ulterjorment li d-domanda ta' l-attur relativa għall-Artikolu 6 sub-artikolu 2(a) (b) u (ċ) mingħajr ebda riferenza oħra hija, bir-rispett kollu, inkapibbli, jekk però "ex hypothesi" ir-riferenza hija għall-Emergency Powers in Council 1939 kif emendat, anke dina l-pretensjoni hija totalment infondata għax m'hemmx dubbju li l-Kuruna kellha l-poter li tagħmel dan l-Order in Council *in forza* tal-Prerogativa u dak il-poter preregattiv ma ġiex superseded b'ebda statut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u n-nota tax-xhieda tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża; komprisa n-nota tal-attur presentata b'rikors tat-tnax (12) ta' Frar 1963, *li ġie milqugħ* u dik tal-konvenut *nomine* presentata llum stess.

Semgħet it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat:—

Illi hu evidenti li hu neċessarju li l-ewwel tiġi deċiża l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut nomine, peress li l-akkoljiment relativ jaqta' t-triq għall-prosegwiment tal-ġudizzju fil-meritu, b'dana kollu però, u biex l-istess eċċezzjoni tista' tiġi iżjed intiża sew hu utili li jingħad f'hiex veramant jikkonsisti dana l-meritu, u ċioè l-iskop propost mill-

attur meta ntenta l-kawża, billi minnu dan joħroġ l-interess tiegħu fil-kawża, liema interess appuntu l-konvenut nomine jeċċepixxi li l-attur ma' għandux.

Illi l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni fis-sens li, minkejja ta' dak li jingħad fl-Artikolu 4(2) tal-Malta (Constitution) Order in Council 1961, fis-sens li l-Emergency Powers Order in Council 1939, ma jibqax ikollu effett bħala parti mil-liġi ta' Malta ħlief saż-żmien hemm indikat, fil-fatt dana l-Order in Council tal-1939 mhux parti mil-liġi ta' Malta; jekk imbagħad jiġi deċiż li hu parti minn din il-liġi, allura l-attur qed jitlob li jiġi dikjarat li l-artikolu 6 sub-artikolu 2(a) (b) u (ċ) ta' dan l-istess Order in Council 1939 hu 'ultra vires' il-poteri tal-Kuruna fuq Malta u għalhekk ineffikaċi u bla effett. Peress illi l-Order in Council tal-1939 (pubblikat oriġinarjament fil-Gazzetta tal-Gvern tal-erba' u għoxrin (24) ta' Awissu, 1939) jagħti lil Gvernatur is-setgħa li jagħmel Regolamenti għall-iskopijiet hemm stess indikati fil-każ ta' emerġenza pubblika f'liema każ id-disposizzjonijiet ta' l-istess Order isiru operanti permezz ta' Proklama li joħroġ il-Gvernatur u jibqgħu hekk operanti sakemm tinħareġ il-Proklama ieħor li jwaqqgħuhom. l-iskop tad-domanda attriċi hu li jiġi dikjarat li dan il-poter tal-Gvernatur li jista' jilleġisla taħt iċ-ċirkostanzi previsti mill-istess Order in Council 1939, ma jeżistix, jew, subordinatament, jekk għandu dan il-poter ma jistax jagħmel ċerti liġijiet għax dawn ikunu oltre s-setgħa ta' min iddelegalu l-poteri li hekk *jilleġisla.*

Illi jiġi hawn notat li l-attur ma għamel ebda prova u lanqas biss ebda dikjarazzjoni fil-proċeduri skritti fis-sens li dan il-poter, li hu jgħid li ma jeżistix, sejjer fil-fatt jiġi eżerċitat b'mod li lilu sejjer jilledilu xi drittijiet, fit-trattazzjoni orali d-difensur tiegħu semma li minn ċerti żviluppi reċenti fil-pajjiż kien hemm raġuni biex wieħed jaħseb li sejjer isir xi ħaġa taħt dak l-Order in Council, però mingħajr ma semma xejn

speċifiku, u, wieħed iżid, mingħajr ma ġie individwalizzat l-attur personalment li jista' jsofri xi effetti minn dan l-eventwali eżerċizzju ta' poteri, apparti milli jista' jsofri bħal kull ċittadin. Del resto, kif jingħad fiċ-ċitazzjoni, l-attur qiegħed jagħmel dina l-kawża proprio u biss f'dina l-kwalità ta' ċittadin, u għalhekk hu biss fir-rigward ta' dina l-kwalità li l-Qorti tista' tikkonsidera l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess fl-attur, għalkemm dina hija konċepita f'termini iżjed ġenerali u tikkomprendi anke l-interess individwali u personali ta' l-attur, billi hija l-azzjoni stess li tiddetermina l-limiti tal-kwistjoni.

Ikkunsidrat:—

Illi preċiżati t-termini tal-kwistjoni fis-sens premess, u meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi relativi ġa riferiti, jidher evidenti li l-kwistjoni sollevata mill-attur hija waħda akkademika biss u tirriduċi ruħha għat-talba lill-Awtorità Ġudizzjarja għal dikjarazzjoni dwar l-istat tal-liġi fil-pajjiż, billi dan l-istat jista' wkoll jirriferixxi għal min jista' jemana l-istess liġi u għall-kontenut ta' l-istess liġi eventwali. Il-Qorti ma tarax li hemm raġuni biex kwesit bħal dan, li ġie imressaq quddiemha bla riferenza għal xi każ partikolari jew preordinatament għal xi azzjoni ulterjuri, jiġi tratatt diversament minn talba għall-interpretazzjoni tal-liġi taħt iċ-ċirkostanzi riferiti u ċioè mingħajr riferenza għal xi każ konkret, fejn il-Qorti tkun biss qiegħda tagħti parir, ħaġa din li ma issirx u ma tistax issir; f'dan il-każ ikun appuntu jonqos l-interess fl-attur li jressaq kwistjoni simili billi ebda utilità ma tista' lilu tidderiva mill-proċediment ġudizzjarju minnu promoss, mentri dina hija kondizzjoni neċessarja għall-azzjoni simili, ma jistax ikun hemm dubbju fil-każ preżenti li si tratta ta' kwistjoni li tivverti fuq regolamenti eventwali li jistgħu jsiru, jekk qatt isiru, li fl-aħħar mill-aħaħr ikun jista' jirravisa fihom xi ħaġa tajba u salutari milli xi ħaġa ħażina u kundannabbli, b'mod li m'hemmx l-attwalità ta' l-interess, għalkemm hemm l-attwalità dwar l-

esistenza o meno tal-poter leġislattiv u l-estenzjoni relativa, li *hu qed jikkontesta* billi ebda lesjoni ta' dritt ma toħroġ minn dana l-att. Anke hawn il-Qorti ma tarax differenza anzi identità ta' prinċipju bejn il-każ preżenti u l-każ deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Vol. XXVI, I, 571), fejn iddikjarat nuqqas ta' interess fl-attur li jottieni pronunzjament ġudizzjarju dwar in-nullità o meno tar-regolamenti li kienu ħarġu relativament għall-elezzjoni tal-Membri tas-senat taħt il-Kostituzzjoni tal-1921 meta dan kien mitlub b'mod ġenerali, bħala interpretazzjoni ġenerika tal-liġi u preventivament la darba ma kienx għadu inqala' l-każ tal-applikazzjoni ta' l-istess regolamenti għall-każ konkret; l-unika differenza bejn iż-żewġ każi hi li f'materja elettorali, kif kienet dik il-kawża, teżisti l-azzjoni popolari għax rikonoxxjuta mil-liġi stess mentri li fil-każ preżenti ma teżistix billi dina l-azzjoni ma ġietx konservata bħala dritt taċ-ċittadin u teżisti biss in kwantu tkun rikonoxxuta: l-attwalità ta' l-interess però trid teżisti fiż-żewġ każi, kif fil-każi kollha, b'mod li anke kieku fil-każ preżenti kienet *teżisti l-azzjoni popolari kien anke jonqos l-element ta' l-attwa*lità ta' l-interess li jiġġustifika l-eżerċizzju relativ, kif intqal però, dana d-dritt l-anqas ma jeżisti, kif ritenut konsistentement fil-ġurisprudenza lokali (ara sentenza ġa ċitata, i.e. Vol. XXVI, I, paġ. 575 isfel nett, kif ukoll Vol. XXV, I, paġ. 509 u Vol. XXVIII, II, paġ. 162 l-aħħar paragrafu u Deċisi Appell, disa' (9) ta' Ġunju, 1921 in re "Calleja Gera et versus Barry nomine", ara wkoll ġurisprudenza estera hemm ċitata u Dizio*nario* Pratico Del Diretto Privato dirett mis-Scialoia Vol. I vuċi "Azioni popolari" paġ. 481); l-argumenti fuq, svolti juru għaliex m'għandiex tiġi rikonoxxuta xi azzjoni simili fil-każ preżenti u ċioè l-iskop biss akkademiku li jista' jirriżulta mill-istess azzjoni.

Illi apparti mill-konsiderazzjonijiet premessi, li jwasslu għall-konklusizjoni waħda u ċioè li l-attur ma' għandux interess u kwindi dritt li jagħmel l-azzjoni preżenti,, il-Qorti tara

konferma ta' dina l-konklużjoni fl-Artikolu 4(2) stess tal-kostituzzjoni tal-1961 (li mill-ġdid u indipendentment minn dak li kien ġara qabel irregolat kif għandu jkun il-Gvern ta' dawna l-Gżejjer) billi, fil-waqt li semmiet li l-Order in Council tal-1939 għandu jiġi kunsidrat applikabli, semmiet ukoll kif jistgħu jitneħħew, anke qabel iż-żmien hemm indikat u kwindi f'kull żmien, il-poteri insiti f'dak l-Order in Council tal-1939 u ċioè permezz ta' liġi mill-korp leġislattiv elett taħt il-Kostituzzjoni. Hi loġika dina l-konklużjoni billi hu loġiku li, trattandosi ta' stat ta' liġi, il-materja tkun affidata lil dak il-korp li għandu l-fakoltà u kwindi d-dover li jilleġisla anki għall-każi ta' emerġenza pubblika li biss però huma kontemplati f'dak l-Order in Council tal-1939.

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut *nomine* ta' nuqqas ta' interess fl-attur li jagħmel dina l-kawża u kwindi tillibera lill-istess konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa bid-dritt tar-Reġistru għall-attur.